

# Ċentru tal-Commonwealth għall-Mistrieħ u ta' Carelink /Sapport ta' Carerlinks North għal Dawk li jduru b'xi Ħadd b'Diżabbiltà

## Gwida għas-servizzi tal-Commonwealth Respite & Carelink Centre / CarerLinks North għal dawk li jduru b'xi ħadd b' diżabbiltà fir-Reġjun Metropolitan tat-Tramuntana.

### Il-Commonwealth Respite & Carelink Centre/ CarerLinks North huwa:

• Ippatroċinat minn Merri Community Health Services (qabel Moreland Community Health Services)

• Ilu jopera fir-Reġjun Metropolitan tat-Tramuntana sa mill-1997 u huwa bażat fi Preston

• Jkopri sebat inħawi tal-gvern lokali: Banyule, Darebin, Moreland, Nillumbik, Whittlesea, Yarra u Hume – barra minn Sunbury (Programm tas-Saħħa Mentali biss)..

### Sapport għal min Idur b' xi Ħadd b' diżabbiltà

• Il-programm tal-Commonwealth Respite & Carelink Centre/

CarerLinks North Disability Carer Support huwa finanzjat mill-Gvernijiet statali u Federali

• L-iffinanzjar jimmira biex iwassal firxa ta' għażliet flessibbli ta' mistrieħ lil dawk li jduru b' xi ħadd

• It-tim tas-Sapport għal Dawk li Jduru b'xi Ħadd b' diżabbiltà huwa magħmul minn Mexxej tat-Tim u Ħaddiema tar-Respite Pathways.

### Servizzi disponibbli għal dawk li jduru b' xi ħadd

#### 1. Tim tal-Informazzjoni u r-Rispons

Servizzi offruti mit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons jinkludu:

• Informazzjoni dwar għażliet ta' mistrieħ għal dawk li jduru b'xi ħadd

• Assessjar bit-telefon bażat fuq il-ħtieġa identifikata ta' min idur b' xi ħadd

• Finanzjar flessibbli biex jinxtraw is-servizzi tal-mistrieħ u oħrajn relatati

• Sapport emozzjonali lil dawk li jduru b'xi ħadd

• Kordinament tar-referimenti lejn servizzi relatati

• informazzjoni dwar mistrieħ residenzjali inkluż il-mistrieħ ta' emerġenza.

### X' inhu l-mistrieħ

Il-mistrieħ jipprovdi lil dawk li jduru b'xi ħadd bi brejk mix-xogħol soltu tagħhom ta' kura u huwa essenzjali għal saħħithom u l-ġid tagħhom.

Il-mistrieħ jagħtihom ħin biex:

• Jieħdu ħsieb affarijiet oħra

• Jgħaddu l-ħin mall-membri l-oħra tal-familja

• Ikollhom il-ħin għalihom infushom.

### Servizzi għal dawk li jduru b' nies b'diżabbiltà

• Informazzjoni bit-telefon dwar servizzi tal-mistrieħ

• Referiment u sapport biex ikun faċilitat l-aċċess għall-mistrieħ permezz ta' servizzi għal kulħadd u għad-diżabbiltà

Merri Community Health Services

CarerLinks North

• Għajnuna biex jinxtraw servizzi ta' mistrieħ għal żmien qasir

• Għajnuna matul 24 siegħa għall-mistrieħ ta' emerġenza

• Riferiment għall-Ħaddiema tar-Respite Pathways.

### Il-Ħaddiema tar-Respite Pathways jipprovdu:

• Informazzjoni u riżorsi

• Sapport emozzjonali

• Sapport biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni għall-mistrieħ

• Riferiment u tqabbid ma' servizzi oħra disponibbli ta' mistrieħ u għad-diżabbiltà

• Finanzjar biex jinxtraw servizzi ta'mistrieħ għal żmien qasir.

### Il-proċess tar-riferiment

Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons bit-telefon jew l-email

Il-Provdituri tas-Servizzi huma meħtieġa li jimlew formola SCTT inkluża il-'Parti B' tal-formola ta' riferiment għal min ldur b'xi Ħadd

### Kif tikkuntattja il-Commonwealth Respite and Carelink Centre/CarerLinks North

Tista' tikkuntattja s-servizz bit-telefon, bil-fax jew bl-email:

Telefon: 1800 052 222 jew (03) 9495 2500

Fax (03) 9495 2599

Wara l-Ħin tax-xogħol: 1800 052 222

Email: clnintakeworkers@mchs.org.au

Websajt: www.mchs.org.au

### Ħinijiet tax-xogħol:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm

Hemm ukoll disponibbli servizz ta' rispons wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Merri Community Health Services

Pubblikat f' Awwissu, 2010

Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

www.mchs.org.au